Kitba ta' **Anton Attard**

# Bormla Tilqa' l-Ewwel *Freres*

## *Mitt Sena mill-Miġja Tagħhom f'Malta*

Is-Soċjetà ta' l-Aħwa ta' l-Iskejjel Kristjani, jew kif magħrufin aktar, il-*Freres* jew *Brothers*, twaqqfu fi Franza minn San Ġwann Battista De La Salle, fl-1684. L-għan li għalih waqqafhom kien li dawn ir-reliġjużi jibdew joffru edukazzjoni lill-poplu imsejsa fuq prinċipji nsara.

Mal-medda tas-snin, is-Soċjetà kibret ġmielha u nfirxet sewwa. Fil-bidu tas-seklu għoxrin, kienet tħaddan fiha aktar minn 20,000 reliġjuż, imxerrdin, tista' tgħid, ma' l-Ewropa kollha u f'bosta pajjiżi fl-Afrika, fl-Asja u wkoll fl-Amerika. Hawn il-*Freres* kellhom ma' l-1530 skola, jistudjaw fihom aktar minn 440,000 student.[1]

### *Jaslu Malta Ukoll*

Għalkemm is-Soċjetà ta' De La Salle kienet mifruxa daqshekk, f'Malta kienet għadha ma waslitx. Tentattivi biex dawn jiġu Malta,li saru lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax, kienu fallew.[2] Kellha tkun il-politika antiklerikali tal-Gvern Franċiż li wasslet biex, f'Awissu tas-sena d-dieħla, jagħlqu l-mitt sena li ġew fostna, u jiftħu l-ewwel skola tagħhom f'Bormla, xahrejn u nofs wara.



*Bro. Simplide Augustin Mifsud*

Fil-bidu ta' l-1903, kienu tkeċċew minn Franza għadd ta' *Freres*. Fost dawn, kien hemm il-Malti ta' Tunes Fr. Simplide Augustin Mifsud, u l-Franċiż Fr. Benoît Constant Varroy. Wara t-tkeċċija tagħhom minn Franza, dawn marru f'waħda mill-iskejjel tagħhom f'Tunes.

Iżda ma kellhomx idumu wisq

hawn. Fr. Arbon François, li kien Tunes ukoll, kiseb il-permess mingħand l-Amministrazzjoni Kolonjali f'Malta biex il-*Freres* ikunu jistgħu jiftħu skola hawn. Flimkien ma' dawk it-tnejn kellu jsalpa lejn Malta wkoll l-Irlandiż Br. Dunstan Lewis.

Nhar is-26 ta' Awissu ta' l-istess sena, dawn it-tlieta, flimkien ma' Fr. Arbon, imbarkaw fuq il-vapur tal-passiġġieri *Ville d'Alger*, li kien salpa minn Marsilja jumejn qabel, fi triqtu lejn Malta.

Waslu hawn l-għada. Il-vapur rabat f'Xatt il-Barrieri, il-Belt u qabel niżlu l-art, il-passiġġieri ffirmaw dikjarazzjoni li f'dawk l-aħħar għaxart ijiem, ma kinux resqu lejn l-Eġittu jew is-Sirja, fejn kien hemm mard infettiv. Biċċa xogħol li ħadet fit-tul għax fuq il-vapur kien hemm 118-il passiġġier.[3] L-erba' *Brothers* sabu jistennewhom lill-Kanonku Bormliż Dun Karm Bugelli u lil Dun Ferdinando Saliba.[4]

L-aħbar tal-miġja tal-*Freres* f'Malta waslet qabilhom. Fit-22 ta' Awissu tħabbar li l-*Brothers* kellhom jiftħu kulleġġ f'Bormla fil-1 ta' Ottubru, partikolarment għat-tfal tat-Tlett Ibliet.[5] Tagħrif dwarhom kompla jingħata f'diversi harġiet oħra. Fost dawn kien hemm li l-kulleġġ kellu jinfetaħ fid-dar Numru 96 *Strada Buongiorno*.

Il-ħsieb tal-*Freres* kien li jiftħu skola f'Tas-Sliema, iżda l-Kanonku Bugelli, li wara li uriehom il-prospetti ideali li kien hemm fil-Kottonera, bidlu l-ħsieb u għażlu li jiftħuha f'Bormla.[6]

Il-miġja tal-*Freres* f'Malta u l-ftuħ ta' l-iskola tagħhom f'Bormla ntlaqgħu tajjeb ħafna. Dan jidher minn diversi kummenti li dehru fil-ġurnali f'dawk il-jiem.

Korrispondent, li sejjaħ lilu nnifsu *Antic Scular Tahhom*, wera s-sodisfazzjon tiegħu li l-*Freres* finalment ġew Malta. Faħħar l-effiċenza tagħhom u s-suċċessi li kellhom studenti tagħhom fl-iskejjel ta' Tunes, li issa kienu qed jokkupaw karigi għoljin ħafna f'dak il-pajjiż.[6a]


CUSTOM HOUSE, MALTA.
DIPARTIMENTO DELLA DOGANA, MALTA.
Prescribed by Article 2 of the Aliens Law.
LIST OF PASSENGERS on board the / Lista dei Passeggieri a bordo — Ville d'Alger — arrived at MALTA, from / arrivati in Malta da

| Date / Data | Name and Surname / Nome e Cognome | Nation or Country / Nazione o Sudditanza | Profession Occupation or Trade / Professione o Mestiere | Place of embarkation / Luogo d'imbarco | Remarks / Osservazioni |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- |

*Dettal mil-lista ta' passiġġieri fejn isfel nett jidhru l-Freres*

## Id-Dar ta' Strada Bongiorno

Id-dar Numru 96, *Strada Bongiorno* kienet proprjetà ta' l-aħwa Caruana, miż-Żejtun. Fl-imgħoddi kienet skola tal-Gvern u kienet ukoll għand is-Sorijiet tas-*Saint Joseph of the Apparition*. Dawn kienu ħarġu minnha biex marru Tas-Sliema. Wara, għaddiet għand il-*Lega Operaia*, li min-naħa tagħhom, għaddewha lill-*Freres*, b'ċerti kundizzjonijiet.



*96, Strada Buongiorno, Cospicua*

Br. Michael Buttigieg, li wara li pprofessa beda ħidmietu f'Malta f'din id-dar, jagħti deskrizzjoni dettaljata dwarha. Kiteb li kien fiha erba' swali kbar. Kull waħda kienet tieħu klassi ta' bejn 40 u 50 tifel. Kien hemm ukoll kamra oħra mdaqqsa, li l-*Brothers* għamluha kappella. Kien hemm ukoll żewġ btieħi; waħda ta' xi 80 pied b'35 u oħra xi ftit akbar. Din ta' l-aħħar, minbarra li kienet tintuża għal-logħob tat-tfal waqt il-mistrieħ ta' nofsinhar, il-*Freres* kienu jrabbu fiha t-tiġieġ.

Billi l-bini kien ġo xulxin, il-ħsejjes u l-għajjat tal-ġirien ġieli kien itellef kemm lill-għalliema kif ukoll lill-istudenti. Iżda, dik il-ħabta, ma setgħux jagħmlu mod ieħor.[7]

## Kulleġġ Ġdid b'Curriculum Wiesa'

Għalkemm kien tħabbar li l-iskola ġdida, li ssemmiet *Saint John Baptist de La Salle College*, kienet mistennija tiftaħ f'Ottubru, minħabba li t-tiswijiet meħtieġa li kien hemm ħadu fit-tul aktar milli mistenni, din infetħet xahar wara, fit-3 ta' Novembru. Sadanittant, laħqu waslu tliet *Brothers* oħra: Br. Tropez de La Croix Dumas, Br. Baronius Felix Curtin u Br. Antoine Cyprien Magri, biex issa kien hemm Komunità ta' sitt *Brothers*, bi Br. Benoît jinħatar l-ewwel Direttur u l-Kanonku Bugelli l-ewwel Direttur Spiritwali.[8]

L-ewwel jum beda bi 80 student li tqassmu fi tliet klassijiet. Iżda wara li t-tfal żdiedu, żiedu klassi oħra. Bdew jiġu mgħallma għadd ta' suġġetti, li kienu xxandru għadd ta' jiem qabel fil-ġurnal *Malta Tagħna*. Dawn kienu jinkludu:

Lingwi – Ingliż, Franċiż, Taljan (qari, kitba u grammatika);
Letteratura Ingliża;
Aritmetika, Alġebra, Ġeometrija;
Storja tad-Dinja flimkien ma' dik ta' l-Ingilterra u l-Kolonji;
Disinn Mekkaniku, Arkitettoniku u Ornamentali;
Stenografija;
Mużika u Kant;
Duttrina – spjega u tagħlim nofs siegħa kuljum.

Ma' dawn kien hemm suġġetti oħrajn li ssejħu *Extra*. Dawn kienu l-Għarbi, il-Ġermaniż u t-tagħlim ta' strumenti mużikali, bħall-pjanu u l-vjolin.[8a]

## Kundizzjonijiet

Kellhom jiġu osservati xi kundizzjonijiet; fosthom:

L-età tat-tfal skulari kellha tkun bejn is-6 u t-12-il sena.

L-istudenti jinqasmu f'żewġ kategoriji. Kien dawk *half boarders*, li kienu jibqgħu fil-kulleġġ mit-8.00am sa l-4.00pm u jieklu mill-kulleġġ. Il-ħlas ta' dawn kien ta' £1 fix-xahar.

Il-kategorija l-oħra kienet tiġbor fiha lil dawk l-istudenti li waqt il-ħin tal-mistrieħ, bejn il-11.00am u s-2.00pm, imorru d-dar u jerġgħu lura għal-lezzjonijiet ta' wara nofsinhar, sa l-4.00pm. Il-ħlas ta' dawn kien 4s (20c) fix-xahar.

Tfal aħwa kellhom tnaqqis sostanzjali fil-miżata. It-tieni u l-kumplament ta' l-aħwa kienu jħallsu biss 2s (10c) fix-xahar.[9]


We the undersigned do hereby declare on oath that We have not been in, or communicated with, the following infected places within the last Ten days previous to our arrival at this Port:—

sottoscritti colla presente dichiar… sotto giuramento di non essere stat nei seguenti luoghi infetti, o di avere comunicato cogli stessi, entro gli ultimi … giorni prima del … arrivo in questo Porto:—

Signed and sworn before me, at Malta, this 27 of August 1903

*Firem tal-passiġġieri li ddikjaraw li fl-aħħar jiem ma kinux l-Eġittu jew Syria. L-ewwel erbgħa dawk tal-Freres.*

## Diffikultajiet Megħluba

Il-bidu ma kienx kollu ward u żahar għall-*Freres*. Kien hemm min ipprova jfixkilhom, iżda kien hemm id-determinazzjoni, il-fibra morali, il-perseveranza u l-għajnuna mis-Sema li għamlu tajjeb.

Oħrajn ma kellhomx għajr kliem ta' tifħir għall-iskola tagħhom u wrewh fil-beraħ. Minn korrispondenza li dehret ftit ġranet wara fil-*Malta Tagħna*, korrispondent, fost oħrajn, kien kiteb dan li ġej:

> *"ma nistax ma nfaħħarx il-kulleġġ ġdid ta' San Ġwann Battista De La Salle f'Bormla, li minn erbat ijiem li ilu miftuħ, it-tfal għamlu progress kbir…*
>
> *Tgħaddi differenza kbira bjen il-kulleġġ tal-Freres u l-iskola tal-Gvern. Minn ħafna tfal li daħlu apprendisti t-Tarzna, ma kien hemm ħadd mill-iskola tal-Gvern."*[10]

Bir-riżultati sbieħ li bdew jiksbu l-istudenti tagħhom fl-eżamijiet, speċjalment dawk għall-apprendisti fit-Tarzna, it-tfal baqgħu jiżdiedu. Id-dar ta' Bormla saret żgħira wisq u xtaqu jkabbru. Sabu l-għajnuna ta' Bormliż ieħor.[11]

Bit-tħabrik ta' Dr. Carmelo Mifsud Bonnici (il-Gross), fl-1936 inkisbet biċċa art fix-xaqliba *tal-Hawli*, fejn inbena l-kulleġġ ta' llum, tefgħa ta' ġebla biss 'il bogħod mill-belt li, mitt sena ilu, laqgħethom għandha.

***referenzi f'paġna 99***

**Referenzi**


[1] *Malta*, 16 Settembre 1903
[2] Br. Michael FSC, *La Sallian*, Midsummer 1962, Vol. I, p.13
[3] Ark. Nazz. Rabat, Customs Dept., Ms843, Pr.1539
[4] Mallia Milanes V., *De La Salle College*, Vol. I, Malta 1979, p.16
[5] *Malta*, 22 Agosto 1903. *Daily Malta Chronicle* 22 August 1903
[6] Mallia Milanes, Op. Cit. p.13
[6a] Malta Tagħna, 10 ta' Ottubru 1903
[7] Br. Michael FSC, Op. Cit. p.14
[8] Mallia Milanes, Op. Cit., Appx. II, pp80-81
[8a] *Malta Tagħna* 3 ta' Ottubru 1903
[9] Idem
[10] Ibid. 21 ta' Novembru 1903
[11] Br. Michael FSC, Op. Cit. p.15



Ħajr lil Br. Edward Galea FSC u Br. James Calleja FSC.



Rodeff
Discount Store
Prop. **Mr. Jemond Ellul**
*Free Delivery*
*10, New Street, Cospicua • Tel: 21 808568*

Argo Enterprises Ltd.
Wines & Spirits
Bottle Shop
**Tel: 21 691213, E-mail: ggalea@maltanet.net**
**15, Alderbarran Street, Fgura PLA 17, Malta**